MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013

Numru. 814/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**KABA KONATE**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Kaba Konate, ta' 30 sena iben Tiemoko u Aminata mwieled Ivory Coast fis-6 ta' Marzu 1982, residenti fil-fond Western Flat 2, Triq Ta’ Gidwet, Marsascala u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 45772A.

Gie akkuzat talli nhar nhar it-3 ta’ Gunju 2012, ghal habta tal-05:15 hrs fi triq l-imhar San Pawl il-Bahar,

1. Volontarjament ikkaguna griehi ta natura gravi, perdurata fuq il-persuna ta Ugo Marius Nwankwo
2. kif wkoll talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula
3. kif wkoll talli kkommetta reat iehor fi zmien operativ ta sentenza sospiza
4. kif wkoll talli fl-Istess cirkostanzi kiser l-paci u l-ordni pubbliku b'ghajjat u glied

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok GM3 u nnutat li l-imputat Kaba Konate m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u konsegwentement umilment issuggerixxa li l-Qorti taghti l-ahhar opportunita' lill-imputat sabiex jirriforma ruhu u dana billi fost il-provvedimenti li jidrilha li ghandha taghti, il-Qorti tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation sabiex ikun evitat li jsiru reati simili u inoltre talab li rigward it-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat, il-Qorti testendi l-perjodu operattiv tas-Sentenza sospiza.

Rat l-artikoli 17, 31, 214, 216, 49, 50, 28A, 28B (2)(b) u 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Kaba Konate, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat mill-Ufficjal

Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Kaba Konate taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Kaba Konate ghall-piena ta' hames mitt Euro (Euro 500) multa.

Inkwantu ghat-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda kommisjoni ta' reat iehor fi zmien operattiv ta' Sentenza sospiza, wara li rat dak verbalizzat fis-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur in rigward, kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 28B (2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, testendi t-terminu ta' sena prigunerija sospiza ghall-erba' (4) snin ghall-perjodu ulterjuri ta' erba' (4) snin millum rigward is-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dr. Anthony Vella LL.D fl-24 ta' Gunju, 2010 fil-konfront tal-imputat Kaba Konate.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Kaba Konate.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Kaba Konate kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Kaba Konate l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------